# ĠENITURI, TINSEWX X'WEGĦEDTU!

Għall-grazzja ta' Alla, ħafna minnkom il-ġenituri jagħmlu minn kollox għat-tfal. Ħafna ġenituri jafu u jgħixu kliem Ġesù, "M'hemmx imħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu". Jew aħjar, li tagħti ħajtek għal uliedek. Il-ġenituri jagħmlu kollox għal uliedhom.

Il-fatt li intom ġenituri qatt ma jista' jitqies qisu xi żball li jrid jitħassar. Li teduka hija biċċa xogħol diffiċli imma fl-istess ħin sabiħa! Hija ħasra li x drabi nġibu ruħna b'tali mod li anke l-Papa Franġisku ftit ilu qal li qisu qed ngħixu fi żmien l-iltima, fis-sens li xi ġenituri ma jafux juru lit-tfal liema hija t-triq biex tkun ferħan. Dan għaliex huma stess, il-ġenituri, ma jkunux sabu t-triq, ma jintebħux għaliex huwa tassew worth it li tgħix. In-Nisrani jaf li huwa worth it li jgħix fi Kristu, għal Kristu. Bil-magħmudija aħna



għandna lil Ġesù li jagħmilna wliedu u jqajjimna mill-mewt kull darba li naqtgħu qalbna quddiem il-ħażin.

Għeżież tagħmel differenza kbira għall-aħjar meta lit-tfal iddarruhom jgħixu qrib Ġesù fl-Ewkaristija, meta tibagħtuhom għad-duttrina, it-tagħlim Nisrani. Jekk lit-tfal ma ninsistux magħhom li jitgħallmu fuq il-ħajja Nisranija, inkunu qisna ħallejniehom ġo bosk mingħajr ebda sinjal biex isibu t-triq ta' ħajjithom.

Tinsewx xi smajtu minn fomm il-qassis dakinhar li għammidtu lil uliedkom, "Għalhekk għandkom tkunu tafu sewwa bid-dmir li bih se titgħabbew, jiġifieri trabbu lil dan binkom fil-Fidi Mqaddsa, biex iħares il-kmandamenti ta' Alla u jħobb lill-Mulej u l-proxxmu tiegħu kif għallimna Kristu".

Inżommu dan kollu f'moħħna u f'qalbna. Il-Mulej żgur li jgħinkom twettqu d-dmirijiet tagħkom ta' ġenituri. Narawkom fid-duttrina u fil-quddiesa!

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## Avviżi:

**LAQGĦA TAL-MAGĦMUDIJA:** se ssir laqgħa ta' tħejjija għal dawk il-ġenituri li għandhom tarbija għall-magħmudija. Din se ssir nhar it-Tlieta 10 t'Ottubru fil-5:30pm fl-Uffiċċju Parrokkjali.

Fr James Mali S.D.B. jirringrazzja lil dawk kollha li tawh xi offerta u jwegħedhom li jżommhom fit-talb tiegħu.

## *Nilqgħu Fostna...*



Hekk kif bdiet is-sena pastorali, nilqgħu fostna lid-**Djaknu Franklin Micallef,** mill-parroċċa tal-Madonna tas-Sokkors u San Girgor il-Kbir, f'ta Kerċem, li għal din is-sena se jkun qed jaħdem f'diversi oqsma fil-parroċċa tagħna, fosthom fil-pastorali maż-żgħażagħ u pastorali oħra. Filwaqt li bħala komunità nilqgħuh fostna, nirringrazzjawh u nwegħduh it-talb tagħna.

**ROKNA EKOLOĠIKA: Kwistjoni morali**

Meta nagħżlu sewwa u naħslu sew il-materjal ta' landi u plastik, inkunu qed nagħmlu servizz kbir lil pajjiżna u nirrispettaw il-ħolqien li tana l-Mulej.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am